HAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 543**

**It-Tnejn 24 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**543.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

543.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

543.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna ikun skużat.

**543.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

543.2.1 Il-minuti tal-540, 541 u 542 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**543.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

543.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-infjurata li saret bil-kollaborazzjoni tal-*Valletta Cultural Agency* u tal-*Malta Tourism Authority* fl-ex venda fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser iħallas għall-kiri ta' żewġ vannijiet, għas-sahra tal-ħaddiema tal-Kunsill sabiex setgħu jinġiebu l-fjuri, u għat-tisqija tal-fjuri. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li dawn il-fjuri jissaqqew ta' spiss. Is-Sindku qal illi dawn il-fjuri kienu staġjonali.

543.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-ERA dwar ir-regolament 10 (2) tar-Regolamenti dwar l-iskart (L.S.549.63) li jistipola li l-Kunsill għandu jalloka spazju għall-provvediment ta' *Recycling Points* għal kull elfejn (2,000) abitant f'kull lokalità. Is-Sindku qal illi matul il-laqgħa numru 519, il-Kunsill kien qabel unanimament li l-*I-BINS* li hemm fi Triq San Ġużepp u fi Triq Sant'Antnin jiġu rilokati fi spazju miftuħ fi Triq Villabate. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill illi r-regolament jistipola li kemm il-darba l-Kunsill jonqos milli josserva din id-dispożizzjoni, jista' jkun suġġett għal penali. Is-Sindku qal illi kien ser jitkellem mal-ERA sabiex jispjega s-sitwazzjoni preżenti fil-lokalità.

543.3.3 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa.

543.3.4 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand is-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk hux ser isir avviż mill-Kunsill f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppubblikat avviż għall-ħlas ta' €95.

543.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-*Junior Science Club* ġiet diskussa l-possibiltà li jiġu organizzati lezzjonijiet tax-xjenza fis-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dawn il-lezzjonijiet huma immirati għal tfal bejn is-seba' u ħdax-il sena, ser isiru darba fil-ġimgħa, fil-perjodu ta' bejn Ottubru u Mejju, 2022 mill-16.15 sal-17.30. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża totali ta' kull parteċipant kienet ser tammonta għal €80. Il-Kunsill kien ser iħallas l-ammont ta' €40 għal kull sessjoni u kwalunkwe spiża relatata ma' din l-inizjattiva. Il-Kunsill ser ikun responsabbli sabiex joħroġ espressjoni t'interess għal *Junior Science Club Animator* u sabiex jilqa' l-applikazzjonijiet. Il-pubbliċità ta' din l-inizjattiva ser tkun f'idejn il-*Junior Science Club*. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ninfurmaw lill-iskejjel b'din l-inizjattiva. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-lezzjonjiet tax-xjenza bil-kollaborazzjoni tal-*Junior Science Club*.

543.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex issir pubblikazzjoni minn Trevor Zahra bil-kollaborazzjoni ta' tlett lokalitajiet oħra dwar il-pittur li pitter, fost affarijiet oħra, il-koppla tal-knisja ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kienet ser tkun l-ispiża tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi għalissa kien għad m'għandux din l-informazzjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk f'din il-pubblikazzjoni kienux ser jiddaħħlu r-rikkezzi li hemm fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill għandu jagħti pubbliċità lill-istorja tal-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibdew id-diskussjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb.

543.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li wara nteress u kuntatt mal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar dwar l iskema BM 150 *Embellishment of Urban Squares,* il-Kunsill ġie mitlub jagħti aktar informazzjoni dwar il-proġetti proposti. Is-Sindku qal illi permezz ta' din l-iskema kienet ser tinxtara għamara tat-triq ta' barra sabiex jinbidlu numru ta' bankijiet, *pots* u konteni turi tal-iskart madwar il-lokalità. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li timtela l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kinitx ser tittieħed deċiżjoni dwar fejn kienu ser jitwaħħlu l-bankijiet, l-pots, eċċ li kienu ser jinġiebu permezz ta' din l-iskema. Is-Sindku qal illi dawn kienu ser jeħlu minflok dawk eżistenti. Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jinbidlu l-bankijiet li hemm fl-ex venda filwaqt li s-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jinbidlu l-bankijiet li hemm fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam li hemm fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi l-bankijiet tal-ex venda ser jinbidlu wara li jsir il-proġett propost tal-*Wasteserv.*

543.3.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsill qiegħed fil-proċess sabiex jibda x-xogħol fi Sqaq il-Knisja. Is-Sindku qal illi x-xogħol kien għadu ma nbediex minħabba li l-Kunsill kien għadu qed jistenna li jiffirma l-kuntratt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jinbidlu s-servizzi f'dan l-isqaq.

**543.4 Pjan ta' Ħidma 2021-2025**

543.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2021 - 2025. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

543.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-laqgħa tal-lokalità li saret nhar il-Ħamis 8 t'April, 2021. Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi minħabba problemi tekniċi huwa ma setax jattendi l-laqgħa tal-lokalità. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-lokalità.

**543.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Marzu 2021**

543.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2021. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2021.

**543.6 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

543.6.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**543.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

543.7.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Mejju 2021 li kienet tammonta għal €28,236.06.

**543.8 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13);**

543.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kandidata 'A' kienet irrifjutat il-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv u għalhekk il-Kunsill kien talab lill-kandidata 'B' li kienet ġiet klassifikata it-tieni fil-lista tal-għażla. Is-Sindku qal illi kandidata 'B' aċċettat il-kariga u nfurmat lill-Kunsill li kienet ser tibda l-impjieg tagħha matul ix-xahar ta' Lulju.

543.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien ġie fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill it-tiġdid tal-kuntrattt ta' din l-impjegata. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tal-Uffiċjal Eżekuttiv jiġi mġedded.

**543.9 Iffirmar ta' *MOU* bejn il-Kunsill u d-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni-MTCP**

543.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat tat-Tindif Pubbliku u l-Manutenzjoni, ġiet diskussa l-possibiltà li l-Kunsill jiffirma *Memorandum of Understanding* biex isir ftehim u tiġi stabbilita relazzjoni ta' ħidma bejn il-Kunsill Lokali u d-Direttorat. Dan sabiex permezz ta' dan il-ftehim id-Direttorat tat-Tindif Pubbliku tassisti lill-Kunsill billi jsir ħasil u sanitizzazzjoni tat-toroq darbtejn fil-ġimgħa, tingħata għajnuna sabiex jitneħħa l-materjal li jkun intrema illegalment kif ukoll sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni kif meħtieġ. Is-Sindku qal illi permezz ta' dan il-ftehim mhux ser isir xogħol li huwa nkluż fil-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' toroq urbani. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

543.9.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li matul il-jiem li ġejjin kienet ser issir laqgħa fil-Park ta' San Klement ma' Transport Malta, mal-Inġiniera tal-Enemalta u mal-kuntrattur tal-Kunsill dwar il-*pelican lights* li ser issir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa quddiem l-entratura tal-Park.. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk matul din il-laqgħa kinitx ser tiġi diskussa wkoll iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Vittorja. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

**543.10 *Traffic Management* - Triq Villabate u Triq tal-Labour**

543.10.1 Is-Sindku qal illi kopja tal-pjanti kif proposti minn *Infrastructure Malta* kienu ntbgħatu lill-Kunsillieri permezz tal-*email.*

543.10.2 Fis-6.45 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

543.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk it-*traffic management* li kien propost li jsir fi Triq tal-Labour kienx jinkludi li ssir *roundabout.* Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv. Is-Sur Joseph Buttigieg wera t-tħassib tiegħu u qal li r-*roundabout* kienet ser toħoloq konfużjoni u periklu għar-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tar-*roundabout.* Dan peress illi mhux l-ewwel darba li kien hemm inċident tat-traffiku u li kieku ma kienx għall-qasrija li hemm imwaħħla fuq ic-*central strip*, il-karozzi jaħbtu fil-faċċata tad-dar. Is-Sindku qal illi dan il-proġett ġie ppreparat mill-esperti ta' Transport Malta. Is-Sur Buttigieg saħaq li jekk issir *roundabout* il-vetturi ser jibdew iduru b'veloċità qawwija bil-konsegwenza li jitilfu l-kontroll. Is-Sindku qal illi man-naħa tar-residenti ser isiru barrikati sabiex jipproteġu l-*pedestrians* minn xi aċċident. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament mat-*traffic management* propost li jsir fi Triq tal-Labour.

543.10.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japprova t-*traffic management* propost li jsir fi Triq Villabate.

543.10.5 Is-Sindku issuġerixxa li fuq ir-*roundabout* li ser issir fi Triq tal-Labour il-Kunsill jagħmel monument *life-size* tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch.

543.10.6 Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika għall-permessi tal-*Planning Authority* sabiex minflok il-*bust* tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi jitpoġġew il-kanuni li ser jingħataw minn *Heritage Malta.* Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku żied jgħid li l-*bust* tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch għandu jiġi rilokat fl-entratura tal-Kunsill.

543.10.7 Is-Sindku ppropona li tinħareġ espressjoni t'interess għall-artist sabiex jaħdem il-monument *life-size* tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch fuq ir-*roundabout.* Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill japprova wkoll in-nefqa relatata ma' dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-prezzijiet ivarjaw skont il-materjal li ser jintuża. Is-Sindku ppropona li n-nefqa ta' dan il-monument tkun tammonta madwar €100,000. Is-Sindku qal illi jista' jagħti l-każ li l-Kunsill ikollu jagħmel trasferiment ta' voti sabiex isir dan il-proġett. Minħabba li l-ispiża kienet għolja u peress li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni dwar x'materjal kien ser jintuża għal dan il-monument, is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa biex f'dan l-istadju l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li jsir monument u meta jingabru l-kwotazzjonijiet tiġi approvata n-nefqa. Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku jagħti aktar dettalji dwar il-monument propost. Is-Sindku qal li huwa xtaq opra artistika tal-bronż u li jkun fuq pedestall tal-ġebel. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kellux biżżejjed finanzi sabiex isir dan il-monument. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-proġett irid isir minflok proġett ieħor li ġie allokat fl-estimi annwali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova nefqa ta' €100,000 sabiex isir il-monument *life-size* tal-Gran Mastru Von Hompesch fuq ir-*roundabout* li ser issir fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal illi fil-laqgħa li ġejja kien ser iressaq quddiem il-Kunsill l-ismijiet tal-membri tal-bord li ser ikunu nvoluti fil-proċess tal-għażla tal-monument.

**543.11 Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja SPI/SCI/4/2021;**

543.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-espressjoni t' interess - Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022.

**543.12 Fondi LESA – Proġett fil-Komunità**

543.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi tal-LESA. Is-Sindku qal illi permezz ta' din l-applikazzjoni il-Kunsill talab sabiex isir xogħol ta' restawr tal-faċċati tal-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u l-faċċata taċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li l-massimu tal-finanzjament ta' din l-iskema kien ta' €80,000 u li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien applika għall-massimu tal-finanzjament. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph

Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u tal-faċċata taċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar bħala proġett fil-komunita`.

**543.13 5 *A Side* Futbol Grawnd**

543.13.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-istima sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ tal-5 *A Side* Futbol Grawnd kienet tammonta għal madwar €30,000. Is-Sindku qal illi l-iżviluppatur tal-*guesthouse* ta' taħt l-ex venda l-antika kien offra li jħallas l-ammont ta' €15,000 bħala kontribut lejn il-kommunità. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill jaqbel ma' dan il-proġett, minħabba regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri, il-Kunsill irid joħroġ sejħa għall-offerti. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm għalfejn tinħareġ sejħa għall-offerti peress illi l-proġett seta' jinqasam fi proġetti żgħar u jista' jsir permezz ta' diversi kuntratturi. Is-Sindku żied jgħid li jekk il-Kunsill jaqbel li jsir xogħol ta' titjib fil-5 *A Side* Futbol Grawnd, il-Kunsill ikun jista' jikrih permezz tal-*bye law* eżistenti. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi dan il-proġett kellu jiġi ffinanzjat mill-investitur tal-*guesthouse*. Is-Sindku qal illi l-ftehim kien li jsiru diskussjonijiet mal-investitur biex jiffinanzja l-proġett u mhux biex iħallsu kollu hu. Is-Sindku żied jgħid li jekk il-proġett ta' titjib jitlesta sal-aħħar tas-Sajf ikun jista' jintuża mill-għaqdiet sportivi u mill-iskejjel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex jinkera l-grawnd il-Kunsill irid jaħtar persuna li tkun responsabbli mill-ftuħ u l-għeluq tal-grawnd. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xogħol ta' titjib tal-5 *A Side* Futbol Grawnd u li l-investitur tal-*guesthouse* ta' taħt l-ex venda l-antika jiffinanzja l-ammont ta' €15,000 bħala parti mil-ispiża.

**543.14 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Skema għall-ġbir ta' skart riċiklat**

543.14.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ proposti mibgħuta miż-żewġ skemi awtorizzati għall-ġbir ta' skart separat u l-ġbir tal-ħġieġ. L-iskema *Green MT Ltd* kienet ipproponiet li toffri s-servizz tal-ġbir ta' skart riċiklat bieb bieb darbtejn fil-ġimgħa, il-ġbir tal-kartun mill-ħwienet kummerċjali darbtejn fil-ġimgħa u l-ġbir tal-ħġieġ darbtejn fix-xahar; filwaqt li l-iskema *GreenPak Coop Society* kienet ipproponiet li toffri s-servizz tal-ġbir ta' skart riċiklat bieb bieb darba fil-ġimgħa, il-ġbir ta' kartun mill-ħwienet kummerċjali darba fil-ġimgħa u l-ġbir tal-ħġieġ darba fix-xahar. Is-Sindku żied jgħid li wara d-data tal-għeluq sabiex jissottomettu l-proposta, il-kumpanija *GreenPak Coop Society* kienet offriet proposta oħra fejn ipproponiet ġabra oħra. Il-ġabra kienet tinkludi, ġbir ta' karti li għandhom jintefgħu f'borża ta' kulur differenti. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet li tiżdied ġurnata oħra tal-ġbir ta' skart organiku. Is-Sindku qal illi dak kien kuntratt differenti u żied jgħid illi biex isir dan il-Kunsill irid iżid in-nefqa fuq il-ġbir ta' skart. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li anke hi kienet ressqet din it-talba fil-passat iżda ġiet infurmata li dan ma setax isir. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill ikompli jiddiskuti l-*item* – Skema għall-ġbir ta' skart riċiklat. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill

qabel unanimament li jaċċetta l-proposta tal-kumpanija *Green MT* peress illi offriet l-aħjar proposta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *GreenPak Coop Society* tiġi nfurmata li l-proposta tagħhom ma ġietx aċċettata minħabba li ma offrewx ġbir ta' skart riċiklat darbtejn fil-ġimgħa u ġbir tal-ħġieġ darbtejn fix-xahar, kif mitlub mill-Kunsill.

## 543.15 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

543.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-appell numru M5491/2018 dwar talba għall-ħlas relatata mal-ħsara li għamel sid ta' vettura fi Triq iċ-Ċimiterju, f'Ħaż-Żabbar u qalet li l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tal-appellant.

543.15.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura DYL241 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €95 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta minħabba li t-trinka kienet saret mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. [1]

543.15.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li resident minn Triq il-Baruni kien ikkontesta taħrika tal-Pulizija u talab lill-Kunsill kumpens tal-ispejjeż tal-avukat minħabba li skont ir-resident, dawn is-sinjali kienu saru fi proprjetà privata. Is-Sindku qal li fil-preżent kien hemm kawża l-qorti dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku qal ukoll illi t-taħrika kienet tammonta għal €23.29 u r-resident kien talab kumpens ta' €50. Is-Sindku ppropona li sakemm tinqata' l-kawża tal-Qorti, il-Kunsill ma jikkunsidrax din it-talba. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

## 543.16 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

543.16.1 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq is-Santwarju, bejn Triq San Lawrenz u Triq il-Karmnu kien hemm bankina perikoluża u mhux aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u hija ta' periklu għal kull min jużaha. Is-Sinjura Calleja żiedet tgħid li din tkissret wara li sar żvilupp ta' kostruzzjoni. Is-Sindku qal illi f'dan is-sit kien għad irid isir xogħol mill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sindku żied jgħid li kien ser isegwi u jara x'ġara dwar dan il-każ.

543.16.2 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet mir-residenti dwar id-*dustbins* li hemm fid-*Dog Park* minħabba li ma kienux qed jitbattlu regolarment. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur responsabbli kien qed ibattal il-*bins* ta' spiss u żied jgħid li d-*Dog Park* kien qed jiġi ffrekwentat minn bosta sidien tal-klieb. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għad-direttiva numru 3/2019 mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' *contracts manager* mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel

unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinħatar *contracts manager* mal-Kunsill. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li jitwaħħlu *bins* akbar.

543.16.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser jibda x-xogħol sabiex jiġi spustjat il-*bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Felice. Dan peress illi meta tieqaf il-karozza tal-linja fuq il-*bus stop* kien qed jinħoloq konġezzjoni tat-traffiku. Is-Sindku qal illi diġa kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill dwar dan. Is-Sur Buttigieg talab li dan il-materja tingħata prijorità.

543.16.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol sabiex jiġi nstallat il-*bus shelter* Ħamra fi Triq Wied il-Għajn.

543.16.5 Is-Sur Joseph Buttieg semma l-ħtieġa li jsir *traffic management* fi Triq is-Silla u Triq it-Telliera.

543.16.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata trinka perikoluża li kien hemm fi Triq San Leonardu maġenb il-*pitch* tal-boċċi. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jgħaddi l-ilment lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma peress illi din it-trinka kienet saret minħabba n-*New Water.* Is-Sindku żied jgħid li kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq iż-Żarżarell u fi Triq il-Werżieq minn *Infrastructure Malta.*

543.16.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jerġa' jitwaħħal arblu tad-dawl li nqala' waqt li kienu qed isiru l-bankini fi Triq il-Fikus. Is-Sindku qal illi l-arbli tad-dawl kienu ser isiru permezz tal-*Planning Funds* tal-Kunsill.

543.16.8 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li jsir *vertical wall garden* fi Triq l-10 ta' Settembru, 1797. Is-Sindku qal illi Triq l-10 ta' Settembru ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u l-ħitan li hemm f'din it-triq kienu privati. Is-Sindku żied jgħid li hemm skemi immirati għar-residenti.

543.16.9 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser isir *vertical wall garden* mal-ħajt tal-5 *A Side* Futbol Grawnd.

543.16.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbidel ħajt permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill bejn Triq il-Luq u Triq l-10 ta' Settembru, 1797 minħabba li kien perikoluż.

**543.17 Mozzjonijiet**

543.17.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**543.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

543.18.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

543.18.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-545 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku